**Laqgħa Ġenerali Annwali – Gozo Business Chamber**

**9 ta' Frar 2023**

**Barts Medical School, Victoria**

Diskors tal-Konklużjoni
Joseph Borġ

---

Onorevoli Ministri, Onorevoli Membri Parlamentari, Sinjuri mistiedna, Membri tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, Ħbieb.

L-UNIVERSITA' QUEEN MARY, BARTS MEDICAL SCHOOL

Insellmilkom u nirringrazzjakom li qed tattendu għal din il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex. Iltqajna l-lejla għal darb'oħra fl-iskola medika ta' Barts fir-Rabat, Għawdex jew kif inhi magħrufa uffiċjalment Queen Mary University of London, Malta Campus u ma nistax ma nibdiex dawn il-ftit kliem tiegħi jekk ma nroddx ħajr lil min qed jilqagħna hawnhekk. L-istorja ta' din l-iskola jew aħjar Universita' hi storja ta' suċċess. Hi storja ta' suċċess għaliex minkejja d-diffikultajiet, minkejja l-bsaten fir-roti, minkejja l-mewġ qawwi iħabbat kontrija, din l-iskola ġiet varata u issa hi fl-istadju li telqet timxi. Is-suċċess ta' din l-iskola jitkejjel mill-fatt illi matul is-sena li għaddiet saret il-gradwazzjoni tal-ewwel studenti. Aktar minn hekk is-suċċess jidher ukoll għaliex l-aplikazzjonijiet biex studenti jidħlu f'din l-iskola żdied bil-bosta hekk li qed ikun hemm mijiet li japplikaw għal madwar sebgħin post li qed iddaħħal l-iskola kull sena.

Din hija r-raba' sena li l-laqgħa ġenerali annwali tal-Gozo Business Chamber qed issir f'din l-Universita' u għar-raba' sena qed intenni l-istess appell. Il-ġid li qed tagħmel din l-iskola jista' jtir mar-riħ jekk f'Għawdex ma jinbeniex l-isptar imwiegħed. Ġrat xi ħaġa f'dawn l-aħħar erba snin fuq din il-materja? Jien personali ma naf li ġara xejn. Anzi qabel kienu qed jissemmew li qed jiġu approvati xi pjanti imma issa jidher li dan kollu intesa. Irridu verament insaħħu din l-iskola? Jekk iva, ejjew naġixxu u ma nħalluwhiex iżolata kif inhi.

Dejjem sostnejna li mhux biss l-iskola ta' Barts għandha bżonn dan l-isptar. Dan l-isptar għandu bżonnu Għawdex ukoll, kif ukoll in-nazzjon kollu. Ma rridx noqogħod neqred imma l-Għawdxin f'dak li hu servizz mediku jixirqilhom aħjar. Ħa nsemmi biss problema żgħira. Meta matul din is-sena ġejna ppreżentati bil-

pjan ta' Irkupru u Reżiljenza ipprotestajna bil-qawwi għaliex Għawdex bilkemm kien jissemma. Ħdimna (anke flimkien mal-Ministru għal Għawdex) u xi ħaġa lura lejn Għawdex ħadna wkoll kemm fil-Pjan ta' Irkupru u Reżiljenza kif ukoll mill-fatt li Għawdex ġie allokat sittin miljun Ewro f'fondi tal-hekk imsejjaħ *Sustainable Urban Development* li nitkellem fuqhom aktar tard.

Imma ħa nsemmi argument li konna qajjimna dakinhar. Minn mistoqsijiet li għamilna meta ġew imnedija r-*Recovery and Resilience Funds* għal Malta, is-sistema tas-saħħa kienet qed tieħu fondi biex jiġu diġitalizzati ir-records tal-pazjenti.  Konna staqsejna, x'se jiġri f'Għawdex f'dan il-kamp peress li l-isptar t'Għawdex huwa tal-privat? Dakinhar ħadd ma rrispondiena xejn. Jidher li s'issa ftit qed iseħħ f'dan il-kamp minkejja li r-records f'Malta bdew jiġu diġitalizzati. Aħna se nibqgħu ninsistu li huwa bżonn li jkun hemm l-istess trattament għall-Għawdxin f'din il-materja.

KWALITA' TAL-ĦAJJA

Bħala Kamra tan-Negozju għal Għawdex aħna jinteressana mill-kwalita' tal-ħajja ta' kull min jgħix u jaħdem f'din il-gżira. Għax hija l-kwalita' ta' ħajja aħjar li ngħixu li qed tiġġenera aktar business u ssussegwentament aktar xogħol fil-gżira. Mhux biss  is-servizzi tas-saħħa jinteressawna imma wkoll l-ambjent.

Is-sena l-oħra tkellimt ħafna fuq din il-materja u mhux bi ħsiebni nitkellem wisq fuq dan għajr biex insemmi punt wieħed. Nixtieq niddefendi l-pożizzjonijiet li ħadna u se nkomplu nieħdu biex Għawdex nizviluppawħ b'mod sostenibbli.

Bħala Kamra tan-Negozju għal Għawdex sostnejna u qed insostnu li ma jistax ikun li f'Għawdex jiġu applikati l-istess policies li qed jiġu applikati għal Malta kollha. Għawdex għandu l-ispeċifiċita tiegħu u għalhekk il-policies għal Għawdex iridu jkunu differenti. Għejjejna naraw kostruzzjoni, u għadna irridu naraw kostruzzjoni, li ma tirrispettax l-ambjent ta' madwarha. F'ġieħ is-sewwa għaliex qed neqirdu l-ambjent li rridu ngħixu fih? Għaliex qed neqirdu l-ambjent li rridu ngħixu biħ, li hu l-uniku raġuni għaliex l-barranin u l-Maltin jiġu hawn Għawdex? Kemm se ndumu naraw żvilupp li jħares biss sal-ponta ta' mnieħru, żvilupp li mhux magħmul sewwa, li se jitlef anke l-istess valur tiegħu u għalhekk żvilupp li mhux tajjeb lanqas għal min qed jinvesti? Hu għalhekk li bħala Kamra qed nipparteċipaw fil-Forum Għal Għawdex li jinkorpora lil Gozo Business Chamber, il-Gozo Tourism Association, l-Kunsill Regjonali (jiġifieri s-Sindki), l-Gozo University Group, u lill-Għaqdiet Ambjentali. Bejnietna qed

noħolqu sett ta' prinċipji li fuqhom jaqbel kulħadd biex imbagħad, b'mod konġunt, ngħadduhom lill-Awtoritajiet.

Għalhekk se nibqgħu ninsistu għal żvilupp sostenibbli għal gzira tagħna, żvilupp li jagħti każ ta' l-użu tajjeb tal-art, tat-tibdil fil-klima, tal-iskart u r-riċiklaġġ tiegħu, tal-protezzjoni tal-biodiversita', tal-wirt naturali u kulturali ta' gżiritna, u tal-ekonomija sostenibbli.

<u>NIBDLU S-SISIEN TAL-EKONOMIJA TAGĦNA</u>

Il-Ġimgħa l-oħra attendejt flimkien ma Daniel u Michael għall-laqgħa tal-Osservatorju tal-*Greening the Islands* li seħħet fil-gżira tal-*Gran Canaria* li tinsab fl-oċejan Atlantiku u li tifforma flimkien ma' gżejjer oħra Il-Gżejjer Kanarji, reġjun awtonomu fi Spanja. Minkejja d-distanza u anke l-fatt li jinsabu fil-periferija tat-territorju Ewropew ma stajtx ma nosservax kif din il-gżira, kważi tletin sena ilu, meta l-pajjiż kien jiddependi kompletament fuq l-agrikoltura, investiet b'mod sostanzjali fir-riċerka. Illum għandha istitut teknoloġiku li hu nvolut f'diversi oqsma ta' riċerka fosthom l-enerġija rinnovabbli.

Bħala (jew aħna bħalhom) dawn il-gżejjer jiddependu b'mod sostanzjali mit-turiżmu. Imma hemm bżonn li din id-dipendenza kważi totali tal-ekonomija tagħna fuq dan is-settur tinbidel. L-ewwel nett huwa billi nikkonċentraw u nibdlu t-Turizmu f'wieħed ta' kwalita', jiġifieri nagħmlu minn dan is-settur wieħed sostenibbli u nikoraġġixxu offerta ta' prodott li jkun jagħmel użu mill-enerġija rinnovabbli u hekk ikun ta' attrazzjoni għal min qed ifittex turiżmu 'nadif' li hija t-trend f'dan is-settur. L-istess it-turiżmu aktar mhu qed jgħaddi ż-żmien aktar qed isir wieħed diġitali u hemm bżonn li l-operaturi tagħna jkunu innovattivi f'dan is-settur.

Għawdex għandu potenzjal enormi f'dawn iż-żewġ setturi. Matul il-konferenza ssemma kemm-il darba l-potenzjal tal-gżejjer biex ikunu *test beds* ta' teknoloġiji ġodda.

U xi ngħidu għall-enerġija rinnovabbli. F' Għawdex dan huwa possibli imma rridu norbtu miegħu r-riċerka. Illum ir-riċerka f'dan il-qasam hija estiża mmens u s-soluzzjonijiet huma varji. Madankollu neħtieġu per eżempju istitut ta' riċerka. Dan jista' jseħħ f'format ta' kumpanija pubblika. Il-flus li jiġu ġġenerati minn din ir-riċerka jistgħu mbagħad ikomplu jiġu nvestiti f'riċerka fl-istess

istitut. Il-possibiltajiet huma mmensi imma rridu npoġġu madwar mejda is-settur pubbliku u l-Gvern u naraw kif nistgħu ngħinu lil xulxin.

Ma jistax ikun lill-*Gozo Innovation Hub* jibqa' vojt jew mimli b'entitajiet ta' Gvern. Possibiltajiet jeżistu hemm barra u aħna bħala Kamra tan-Negozju għal Għawdex lesti li dejjem inkomplu niffaċilitaw dan id-djalogu. Din il-forma ta' kooperazzjoni ġa qed isseħħ fil-gżira prinċipali ta' Malta, u nemmen li din tista' sseħħ u tiġi fformalizzata wkoll f'Għawdex.

Il-ħtieġa tad-diversifikazzjoni tal-ekonomija Għawdxija ħarġet ukoll minn *paper* reċenti fuq l-impjiegi ppublikata mill-Awtorita għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex, li ħareġ biċ-ċar li għalkemm naqset, bħala mpjiegi Għawdex jiddependi żżejjed fuq l-amministrazzjoni pubblika, il-kostruzzjoni u l-propjeta mmobiljari u li mhux qed jinħolqu impjiegi adegwati f'Għawdex li jissodisfaw l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ tagħna. Fl-aħħar *National Productivity Report* ħareġ biċ-ċar ukoll kif ċertu setturi li huma ta' valur miżjud għoli huma preżenti f'Malta imma mhux f'Għawdex.

Ejjew niġbdu ħabel wieħed biex nittrasformaw l-ekonomija tagħna. Qed ngħamlu sejħa lil Ministeru għal Għawdex u lill-Gozo Regional Development Authority li nkomplu nsaħħu l-isforzi tagħna flimkien biex nirriġeneraw lil g/ira tagħna. L-opportunitajiet hemm qegħdin u aħna mistiedna u

RINGRAZJAMENTI U KONKLUZJONI

Kien ta' pjaċir għalija u għal membri tal-Kunsill tal-Kamra nilqgħukom (tant numerużi) hawnhekk il-lejla għal Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Gozo Business Chamber. Inrodd ħajr lil dawk li mexxew il-kamra fil-passat u lil sħabi fil-kunsill tal-għajnuna u l-appoġġ sħiħ tagħhom. Ikolli nistqarr magħkom u ngħid li jien ixxurtjat li l-mmexxi kunsill magħmul minn persuni ta' stoffa, persuni sensibbli għal bżonnijiet ta' ħaddieħor u mhux tagħhom biss, persuni li jgħidu li għandhom jgħidu imma mbagħad fejn inkunu qbilna nsibu lil kulħadd warajna. Ma niqafx ngħidilkom grazzi.

Inrodd ħajr lill-Onorevoli Ministru għal Għawdex Clint Camilleri u l-istaff tiegħu, ibda mis-segretarju permanenti s-Sur John Borg u lid-direttur Ronald Sultana tas-support kontinwu li dejjem irċevejna. Inrodd ħajr ukoll lil membri parlamentari kollha Għawdxin li lkoll għandhom għal qalbhom il-ħidma tagħna. Dejjem nirrepeti l-istess ħaġa. Fejn għadkom bżonn is-support tagħna biex l-

agenda ta' Għawdex tkun fuq quddiem, inwegħdukom li lilna issibuna dejjem warajkom. Nirringrazzja wkoll lil kollaboraturi tal-Kamra f'Ministeri u entitajiet oħra.

Grazzi lis-Sur Mario Borġ, Chief Executive tal-Gozo Regional Development Authority tal-preżentazzjoni li għamel. Kif jaf sewwa, aħna nemmnu f'din l-Awtorita', nifhmu l-bżonn tagħha, nappoġġjaw il-ħidma tagħha. Hija pass pożittiv u nifs ġdid fil-ħidma għall-ġid tal-gżira tagħna. Jekk qed nifmhu sewwa l-Gozo Regional Development Authority ser ikollha wkoll sehem importanti marbutin mal-fondi ewropej li ser jiġu mill-Fond Strutturali Urban li semmejt qabel. Meta kellmuna fuq dawn il-Fondi għall-ewwel darba l-Ministru konċernat, wara li għaddejnieħ minn kritika qawwija għal mod kif ġiet amministrata l-konsultazzjoni marbuta mal-Fondi ta' Riljenza u Rkupru, fejn kellu x'jaqsam Għawdex, qalli testwalment: "Issa ser nagħtukom dawn il-Fondi u jien perswaz illi intom m'intomx kapaċi tonfquhom". Aħjar ma ngħidilkomx x'irrispondejtu. Imma quddiemna għadna sfida u jien persważ li kull min qiegħed f'din il-kamra ser ngħamlu sforz b'saħħtu u kollettiv biex ngħinu lill-Għawdex tagħna jiggwadanja minn dawn il-Fondi. Ejjew nagħtu risposta.

Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja lic-Ceo Daniel Borg u lil impjegati l-oħra tal-Kamra Joanne, u Jean Luca tal-ħidma bla waqfien tagħhom. F'dawn l-aħħar xhur kellna wkoll għall-ewwel darba magħna lil Jesmond Buttigieg li għen fit-tisħiħ tat-team tagħna. Aktar kmieni smajtu r-rapport tal-ħidma tal-Kamra. Ma temminx li dak kollu sar minn ftit nies li jaħdmu b'għaqal u dedikazzjoni li qajla ssib bħalha. Grazzi Daniel, lilek u lil sħabek.

Għal darb'oħra nirringrazzjakom tal-preżenza tagħkom hawn il-lejla, u nistedinkom ukoll tibqgħu magħna għal ftit mumenti oħra biex nixorbu xi ħaġa flimkien. Grazzi u insellmilkom.